MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 468/2007/1

**Horace Abela u Mercedes Abela**

**vs**

**Ramon Stafrace ezercenti l-kummerc taht l-isem Roses Hobby Centre**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Mejju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta` Mejju, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tliet elef, erba mija u erbgha u disghin Ewro (€ 3,494) gia` elf u hames mitt lira maltija, rapprezentanti danni sofferti mill-attur meta gie lilu kkonsenjat u

mibjugh kimika mhux kif rikjesta u kwindi l-attur kellu telf ta` bejgh ta` fniek kif ser jirrizulta fil-process.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta` Gunju, 2007 fejn ikkontesta t-talba attrici bhala nfondata legalment u fattwalment u dana peress illi l-prodott mibjugh kien tajjeb u tal-kwalita` pattwita ghall-uzu tieghu. Barra minnhekk id-danni reklamati ma kienux ikkawzati bl-ebda mod minnu apparti l-fatt li kien ezagerat.

B’riserva ta` eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-qosor jinghad li l-attur qed ifittex ghal dawk id-danni konsistenti fil-fatt li l-fniek tieghu naqsu li jinqabbdu tqal ghal tliet gimghat in fila minnhabba li gie mibjugh lilu prodott li ma kienx adegwat sabiex thallat l-istess ma` l-isperma tal-fniek.

Illi z-zewg partijiet jaqblu li l-mument krucjali li ghandha tiddeciedi dina l-kawza huwa dak fil-punt tal-bejgh u xiri u cioe` fi kliem iehor x’talab li jixtri l-attur minghand il-konvenut u x’inghatalu mill-konvenut. Huwa fatt pacifiku, wara kollox innegabbli wkoll peress li jinsab ezebit, illi l-prodott effettivament mibjugh kien tip ta` ilma sterile. Issa l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar il-fatt jekk l-attur talabx tali ilma sterile sabiex juzah bhala base ghal tahlita shiha fejn eventwalment titqieghed l-

isperma jew inkella talabx it-tahlita lesta minn kollox. Dan huwa bazikament il-punt ta` divergenza bejn iz-zewg nahat.

Illi mill-provi prodotti dan it-Tribunal isibha ferm difficli biex jemmen il-verzjoni ta` l-attur meta jallega li huwa talab ghal tahlita lesta minn kollox u minflok tawh semplici flixkun ta` ilma sterile u *multo magis* li huwa ma ndunax b'dan mill-ewwel anzi jghid li nduna b'dan in-nuqqas wara li kien ser juza it-tahlita mat-tielet round ta` inseminazzjoni. Mhux talli dan it-Tribunal isib il-verzjoni tieghu mhux kredibbli izda anke certa fatturi cirkostanzjali li gew prodotti bhala prova quddiemu isahhu dan il-hsieb u dana kif ser jigi elaborat ahjar aktar 'il quddiem.

L-attur xehed illi huwa jahdem bhala full time rabbit breeder u ghandu madwar 300/400 fenka. Ighid li huwa talab ghal *diluent* biex ihallat l-isperma tal-fniek. Ighid ukoll li dan ix-xoghol ilu jaghmlu ghal madwar 12 il-sena. Mhux l-ewwel darba li xtara dan id-*diluent* li huwa xtaq pero` din id-darba il-flixkun kien differenti mhux bhal qabel meta kien go flixkun tal-hgieg skur. Il-flixkun li kien jixtri qabel kien jinbiegh ghal Lm7.50/500ml fil-waqt dak odjern kien jiswa Lm2.50/1000ml. Barra minhekk ghandu jirrizulta car mit-tikketta tal-flixkun stess li l-prodott kien jikkontjeni sterile water u xejn aktar.

Il-konvenut xehed illi l-attur talbu ghal flixkun biex ikun jista` jaghmel it-tahlita ghal ma` l-isperma. Ghalkemm huwa minnu li ma qallux lill-attur fil-mument tal-bejgh li l-likwidu mibjugh tkun trid thalltu ma` *nutrients* ohra u fil-fatt dan id-diskors qalulu tliet gimghat wara, huwa minnu wkoll li l-konvenut fil-mument tal-bejgh urieh il-flixkun li skond hu kien qed jintalab mill-attur u li dan ta` l-ahhar li kien ilu f'dan ix-xoghol ta` tghammir ta` fniek ghal 12 il-sena ghogbu l-prodott u xtrah. Ma jidhirx li kien hemm xi diskors bejniethom dwar kif

u b`liema nutrienti dan jinsab imhallat halli jigi vverifikat jekk il-formola adatta tinsabx f'dan il-flixkun. Dan qed jinghad peress illi aktar 'il quddiem xehed Andrew Borg Cardona li spjega fid-dettal x'inhuma n-nutrienti u prodotti ohra li wiehed ghandu jitfa` gewwa l-isterile water halli jkollok it-tahlita shiha lesta ghal ma` l-isperma. Huwa jikkonferma li tali tahlita shiha ssir ma` l-isterile water. Wiehed jista` jixtri din it-tahlita shiha lesta minn kollox anke mill-hanut tal-konvenut stess ghal prezz ta` Lm27/1 ltr – cioe` differenti ferm minn semplici Lm2 jew Lm2.50/1ltr li xtara l-attur. Huwa ovvju ghalhekk li b'tali prezz wiehed ikun qed jixtri biss semplici ilma biex tintuza bhala base u mhux it-tahlita shiha kompluta minn kollox. Dan il-fatt messu kien jafu sew l-istess attur peress illi skond dan ix-xhud Borg Cardona, huwa kien ghallem lill-attur kif jghammar il-fniek bit-tubu ghal madwar tmien snin shah qabel ma nqala dan il-kaz. Ghalkemm dan ix-xhud jafferma li ma kienx ghalmu x'ikun fiha t-tahlita peress li din hija ricotta tieghu pero` kien spjegalu sewwa l-process kollu inkluz dak li l-isterile water jehtigielha l-powder halli l-isperma tibqa` hajja ghal 24 siegha. Dan suppost kien a konoxxjenza sew ta` l-attur peress li kien ilu jghammar il-fniek wahdu minghajr l-ghajnuna ta` Borg Cardona ghal diversi snin. Dan ta` l-ahhar jistqarr ukoll li ebda formola ma tista titqies li ser tkun ta` success mija fil-mija anqas ir-ricetta tieghu stess. Ghandek ghalhekk tivverifika jekk l-isperma ghadhiex hajja jew le qabel ma tuzha meta din tkun gia` ntefghet fit-tahlita lesta u dana taht il-mikroskopju halli b'hekk tkun taf, jissokta dan ix-xhud, jekk il-prodott li sejjer tuza huwiex tajjeb  jew le. Jidher li l-attur naqas li jivverifika dan il-fattur ukoll u cioe` naqas li jiccekkja jekk l-isperma kinietx ghadha hajja meta gie biex johrogha mit-tahlita u jdahhalha fil-fenka bit-tubu.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-

> konvenut, kwindi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess attur."

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi biex jitolbu r-revoka taghha bil-motiv illi, kontrarjament ghal dak dedott mit-Tribunal, il-provi kienu jistabilixxu illi l-konvenut *nomine* beghlu prodott differenti minn dak rikjest minnu. Huma jibbazaw din il-kontestazzjoni taghhom bl-aggravju sottomess b'dawn ir-ragunijiet:-

(1) *Ex-admissis* il-konvenut stqarr in subizzjoni illi l-attur appellant talbu diluent komplut ghall-iskop ta' l-inseminazzjoni tal-fniek;
(2) Il-prezz tal-prodott mixtri ma kellux jinduci ghal konkluzjoni illi hu kien jaf li dak li kien qed jixtri ma kienx diluent imma semplici ilma;
(3) Kien jinkombi fuq il-konvenut *nomine* li jispjegalu li l-prodott ma kienx kompost minn tahlita kompleta izda biss minn wiehed mill-ingredjenti li sservi ghal skop ta' tahlita;

Il-fatti li taw lok ghal kawza kienu brevement dawn:-

(1) L-attur Horace Abela (fol.10) jghid li hu *full time rabbit breeder* u ilu f'dan in-negozju ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Lill-konvenut kien talbu diluent biex ihalltu ma' l-isperma tal-fniek ghal fini ta' l-inseminazzjoni artificjali;
(2) Bl-invers, il-konvenut (fol. 13 u fol. 22) jiddikjara illi hu gestur ta' hanut li jbiegh prodotti veterinarji u li l-attur kien talbu prodott biex ikun jista' jaghmel hu t-tahlita ma' l-isperma tal-fniek;
(3) Il-prezz tal-prodott mibjugh kien madwar zewg liri (Lm2) ghal flixkun ta' litru mentri dak bit-tahlita b'kollox jinbiegh xi sebgha u ghoxrin lira (Lm27) ghal kull litru. Ara xhieda ta' Andrew Borg Cardona (fol. 24) kwalifikat fil-process tat-tghammir tal-fniek bl-uzu tat-tahlita ta' *sterile distilled water* u nutrijenti;

Premessi dawn il-fatti fil-qosor, huwa kjarament ovvju illi l-kontroversja bejn il-kontendenti tivverti fuq il-punt jekk il-kompravendita tal-prodott mill-konvenut *nomine* lill-atturi kienetx tikkorrispondi ghax-xorta ta' rikjesta maghmula mill-appellanti xerrej. Bla dubju, biex l-atturi jirnexxu fl-assunt taghhom illi huma gew moghtija mill-konvenut venditur prodott differenti minn dak rikjest kien jehtiegilhom jiskarikaw l-oneru inkombenti fuqhom li jipprovaw illi huma talbu ghal certu prodott specifiku u li gew moghtija prodott divers;

Fejn si tratta ta' bejgh ta' oggett jew prodott specifiku, bhal ma hu proprju l-kaz in ezami, tezisti l-htiega li dan ikun ben identifikat. Din l-identifikazzjoni tinzel certament minn dawk l-indikazzjonijiet kontrattwali ghal liema x-xerrej jaghmel rikjam. Jigifieri, dawk l-elementi partikolari li dan kellu in mira fl-applikazzjoni ta' dak l-oggett jew prodott. Ad ezempju, certa kwalita essenzjali hekk indispensabbli ghal dak l-uzu determinat. Wisq ragonevolment, dan ghal fini li dak l-oggett jew prodott jinzamm distint minn prodotti ohrajn u, ukoll, fl-istess waqt, biex il-venditur jkollu indikazzjoni cara ta' l-attribut fl-oggett jew il-prodott li hu ghandu jikkonsenja;

Jinsab provvdut fl-Artikolu 1393 tal-Kodici Civili illi "l-haga ghandha tigi kkunsinnata fl-istat li kienet tinsab fil-mument tal-bejgh". Certament din ir-regola tincidi fuq diversi aspetti tal-kondotta obbligatorja tal-venditur. Primarjament, dak ta' l-impenn tieghu li jghaddi lix-xerrej l-oggett jew il-prodott prexxelt minn dan. Isegwi, allura, minn aspett iehor, illi x-xerrej ma jistax jippretendi li jkun konsenjat lilu prodott xort'ohra minn dak tal-kwalita maghzul u komprat minnu, ghax kif jinghad mill-**Bianca** ("**La Vendita e la Permuta**", Vol. VII, Tomo Primo, pagna 257) "*la designazione del bene nella sua identita` implica la sua identificazione, cioe` l'accertamento che valga a distinguere quel bene rispetto agli altri*";

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari ta’ dritt, hu l-ilment principali ta’ l-appellanti illi l-prodott li xtara minghand il-konvenut *nomine* ma kienx konformi ghal dak li talab hu u, konsegwentement, ma kienx lanqas adatt ghall-iskop li xtrah, ossija ghall-inseminazzjoni artificjali tal-fniek tieghu. Anke issa f’dan l-istadju jkompli jinsisti illi hu talab it-tahlita kompluta u mhux semplici agent kimiku ghal dik l-istess tahlita, kif effettivament gie moghti lilu mill-appellat *nomine*. Fuq dan il-punt krucjali din il-Qorti ma ssib ebda argoment konvincenti li jgeghlha tiddipartixxi mir-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal;

B’risposta, imbaghad, ghas-sottomissjonijiet singolari devoluti bir-rikors ta’ l-appell, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

1. Minn ebda parti tad-deposizzjoni tal-konvenut ma tirrizulta l-allegazzjoni ta’ xi ammissjoni da parti ta’ dan illi l-attur kien talbu diluent komplut. Pjuttost, il-kuntrarju hu l-kaz. Skond il-konvenut, “l-ewwel darba li gie l-attur kien talabni flixkun biex jaghmel tahlita u din it-tahlita riedha ghal ma’ l-isperma tal-fniek”. Minn dan johrog li l-impenn tal-konvenut kien dak li jissodisfa lill-attur f’dik ir-rikjesta tieghu;

2. Il-konvenut *nomine* ma ha ebda inizzjattiva minn rajh ghax hu kkonsenja dak li, fil-konkret, intalab u ried l-attur. La dan kien hekk il-kaz, ma kellux ikun mistenni li l-appellanti jaghmel affidament fuq xi spjegazzjoni dwar ir-rekwiziti u l-kwalitajiet tal-prodott, anke ghaliex, fuq l-istess esperjenza u konoxxenza tieghu jidher li l-attur kellu gharfien sewwa tal-prodott li kien qed jixtri ghal skop ta’ tahlita;

3. Filwaqt li din il-Qorti taghraf li l-prezz ma kienx *per se* jiddetermina n-natura u l-kwalita` tal-prodott komprat, b’danakollu d-differenza fil-prezz bejn prodott u iehor kellu jkun indikatur siewi ghall-appellanti fl-apprezzament tal-kwalita` tieghu. Jekk hu seta’ in bazi ghal dik id-differenzjazzjoni jintebah, anke b’mera diligenza ordinarja, li l-prodott ikkonsenjat lilu ma kienx

jaqbel ghal dak li talab, hu, messu raddu lura u mhux jibqa' inkuranti biex wara, minn fuq, jippretendi li, ghax fallilu l-esperiment tat-tahlita, ifittex lill-venditur fuq l-assunt li l-prodott li xtara minghandu ma tahx ir-rizultat mixtieq.  Dan, ghall-Qorti, mhux accettabbli.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u dawk tat-Tribunal, din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------